**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 31 ta' Ottubru, 2018

Rikors Guramentat numru : 89/17 AL

A B

vs

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi huwa zzeweg lil intimata fit-8 ta' Gunju 2007, skond ic-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dokument 'A';

2. Illi min dan iz-zwieg ma twieldux ulied;

3. Illi l-intimata irrendiet ruhha hatja versu l-attur ta' abbandun, adulterju, sevizzi, eccesi u ingurji gravi;

4. Illi z-zwieg tal-partijiet tkisser irremedjabilment tort unikament ta' l-intimata;

5. Illi minkejja li saru diversi tentattivi sabiex jintlahaq ftehim bonarju anke' tramite l-procedura ta' medjazzjoni, il-partijiet ma waslu ghal ebda ftehim u ghalhekk kellha tinghalaq il-medjazzjoni, u l-esponenti inaghta l-awtorizazzjoni sabiex jipprocedi b'din l-istanza skond l-anness digriet immarkat bhala Dokument 'B';

6. Illi l-esponenti jaf personalment bil-fatti hawn esposti;

Talab li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-firda personali bejn il-kontendenti minhabba htija unikament da parti ta' l-intimata.

2. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti jigu divizi bejn il-partijiet, okkorrendo b'opera ta' periti nominandi sabiex jillikwida l-istess komunjoni.

3. Tapplika kontra l-intimata l-effetti tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 48, 51, 53, u 54 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, *in toto* jew *in parte.*

4. Takkorda l-fakulta lil esponenti sabiex jabita fid-dar matrimonjali, ad eskluzjoni ta' l-intimata.

5. Tordna lil intimata sabiex thallas u tikkonsenja lil esponenti skond il-kaz, il-krediti u l-propjeta parafernali tieghu.

6. Tawtorizza lil esponenti sabiex jirregistra fir-Registru Pubbiku ta' Malta l-eventwali sentenza moghtija minn din il-Qorti.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri kollha inkorsi mill-esponenti kontra l-intimata ingunta minn issa in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Martin Fenech u il-PL Veronica Rossignaud, li permezz taghha eccepew :

1. Illi huma m'humiex edotti mill-fatti u jirrizervaw li jissottomettu risposta ulterjuri meta jkunu jafu aktar fatti;
2. Salv risposta ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati Dr Martin Fenech u il-PL Veronica Rossignaud;

Rat l-atti kollha tal-proċediment, inkluż l-affidavits;

Rat id-dikjarazzjoni tal-kuratur Dr. Martin Fenech[1], fejn stqarr illi peress illi m'għandu l-ebda ħjiel fejn tinsab il-konvenuta assenti, huwa m'għandux provi xi jressaq.

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum sabiex tingħata s-sentenza.

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-Qorti għandha quddiemha kawża ta' separazzjoni personali bejn ir-rikorrent u martu assenti minn Malta.

Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur minn fejn jirriżulta illi r-rikorrent talab *inter alia*, il-pronunċja tas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għal raġunijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenuta assenti. Huwa jitlob ukoll:

- ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejniethom u l-qasma tagħha;

[1] Verbal tal-udjenza tad-19 t'April 2018, fol. 35.

- l-applikazzjoni fil-konfront tal-konvenuta tad-dispożizzjonijiet 48 et seq. tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;
- l-awtorizazzjoni sabiex jabita fid-dar matrimonjali, ad esklużjoni tal-intimata;
- kundanna fuq l-intimata sabiex tikkonsenjalu il-krediti u l-propjeta`parafernali tiegħu;

Il-**fatti** f'din il-kawża fil-qosor huma s-segwenti[2]:

(a) Il-koppja B iżżewġet fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta fit-8 ta' Ġunju 2007, kif jirriżulta wkoll miċ-ċertifikat taż-żwieġ innumerat 801/2007[3], meta l-attur, armel, kellu sebgħa u ħamsin (57) sena u l-konvenuta, imwielda r-Russja, kellha ħamsa u erbgħin (45) sena;

(b) Il-partijiet għexu flimkien għal għaxar snin fid-dar tal-attur u cioe il-fond 2, "Sun", Wesgħa Franġisk Bugeja, ż-Żurrieq;

(c) Minn dan iż-żwieġ ma twieldux tfal għalkemm il-partijiet kienu bdew il-proċess biex jadottaw in-neputija tal-konvenuta li kienet tgħix magħhom hawn Malta għal diversi snin;

(d) Il-konvenuta, wara xi snin, kienet akkwistat ukoll iċ-ċittadinanza Maltija;

(e) Mix-xhieda t'ulied l-attur jirriżulta li *"Irina kienet kontinwament moħħha fil-flus, u hija kellha kontroll tal-finanzi ta' missieri".*

---

[2] Dawn il-fatti jirriżultaw mill-affidavit tal-attur innifsu, fol. 26 u ta' uliedu **Carmelo B**, fol. 28 u **Jennifer B**, fol. 29.

[3] Fol. 5 tal-proċess

(f) Inoltre, jirriżulta illi l-attur kien iqatta` ħafna ħin waħdu għaliex uliedu kemm-il darba marru jżuruh u kienu jsibuh waħdu; Di più, il-partijiet ma kienux jorqdu fl-istess kamra tas-sodda għaliex il-konvenuta kienet torqod fil-kamra man-neputija tagħha;

(g) Matul il-lejl bejn il-Ġimgħa tlettax (13) ta' Jannar 2017 u s-Sibt erbatax (14) ta' Jannar 2017, il-konvenuta telqet mid-dar matrimonjali mingħajr m'avżat lill-attur u qatt ma reġgħet irritornat. Meta qam is-Sibt filgħodu, fetaħ il-bieba tal-forn biex jieħu l-ħobż u sab karta li fuqha kien hemm nota li kienet sejra r-Russja u biex ma jaħsibx iktar fuqha. Fir-rabja tal-mument, ħaraq din il-karta li kien għadu kif sab;

(h) Jallega illi hija mmiżapproprijat ruħha minn wieħed u tletin elf Ewro (€31,000) fi flus kontanti li kien iżomm id-dar u li kienu ġejjin mill-wirt t'ommu. Ġibdet ukoll elfejn Ewro (€2,000) mill-kont bankarju;

(i) Magħha ħadet ukoll żewġ laptops tal-marka Dell, iPad u żewġ mobiles.

(j) L-attur irrapporta dwar l-għibien tal-konvenuta fl-Għassa tal-Pulizija[4] iżda minn dakinhar ma sema' xejn dwarha;

(k) L-attur jiddikjara illli bejn il-koppja m'hemmx propjeta` komuni, la kontijiet bankarji u lanqas vetturi.

Dwar ir-Responsabilita` għat-Tkissir taż-Żwieġ

Mir-rikors promotur jirriżulta illi l-attur isejjes l-azzjoni tiegħu għas-separazzjoni minn ma' martu fuq l-abbandun, l-adulterju, is-sevizzi, l-eċċessi u l-inġurji gravi.

[4] Rapport innumerat 5/K/92/2017 esebit fol. 31.

Il-Qorti fl-ewwel lok tagħmel referenza għall-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili[5] illi jistipula:

"***Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment***".

Permezz tas-sentenza fl-ismijiet Caterina Agius vs. Benedict Agius[6] ġie enunċjat illi l-liġi tqiegħed bħala motivi illi jiġġustifikaw l-azzjoni tas-separazzjoni personali, l-episodji saljenti tal-ħajja konjugali, u mhux inċidenti minuri.

Fil-każ fl-ismijiet Elisa Thompson vs. Edward Thompson[7] imbagħad ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

L-Artikolu 40 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta isemmi l-moħqrija, illi minn ġurisprudenza kostanti tirreferi għas-sevizzi[8] bħala bażi għas-separazzjoni personali.

Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud[9], deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju

---

[5] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

[6] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Ġunju 1967 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[7] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[8] Ara s-Sentenza fl-ismijiet Antoinette Cauchi vs. Alexander Cauchi, deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[9] Vol. XLV C.ii.708;

1961, ġie enunċjat illi: *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala* ***sevizzi****".*

Fis-sentenza ġia ċċitata fl-ismijiet Antoinette Cauchi vs. Alexander Cauchi, l-**inġurji jew offiżi gravi** ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz".* Fis-sentenza, ġja ċċitata, Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud, ġie ritenut "*l-inġurji gravi ma ġewx speċifikament deżinjati mid-duttrina, imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom."*

L-**eċċessi** ġew imfissra fl-istess sentenza appena ċċitata, Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud: *"eċċessi jfissru atti mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta` kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra"*.

L-**adulterju** huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula: "***Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra***".[10] Di piu, l-ġurisprudenza kostanti tagħna tirritjeni illi "*L-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali*"[11]

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallegaha, jistax fattwalment jagħti prova. F'dan l-istadju, l-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna[12] fejn ġie dikjarat li: "*L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali ...... Huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche'*

---

[10] Artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

[11] Hugh Greengrass vs. Lucia Greengrass, deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 98/2002/1RCP);

[12] Deċiża nhar is-27 ta' Novembru 2011 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 1715/2001/1RCP);

*dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika*".

L-**abbandun** ukoll huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula:

***41. Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba.***

Kemm miċ-diċitura tal-artikolu u wkoll minn ġurisprudenza kostanti tagħna jirriżulta illi l-kriterji sabiex azzjoni bħal din tirnexxi huma tnejn: l-ewwel illi l-abbandun idum għal sentejn jew iżjed, it-tieni li l-abbandun iseħħ mingħajr raġuni tajba.

Fil-kawża Andrea Avellino vs. Regina Avellino,[13] insibu tifsira ċara ta' dawn il-kritrerji, fejn intqal: *"Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se maj jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċjoe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall-ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva, ta' min jabbanduna, li ma jerġax imur jgħammar mal-parti l-oħra. U biex ikun kundannabbli, l-abbandun irid ikun kapriċċuż, u mhux ġustifikat minn xi motiv raġjonevoli."*

Illi hawn issir referenza għall-kawża fl-ismijiet Josephine Anne Edwards vs. Avukat Dr. Joseph Xuereb noe.[14] fejn il-Qorti sostniet illi:- "*Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun inġust fiż-żmien tiegħu kollu ta' sentejn..."*

---

[13] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Diċembru 1949.

[14] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Frar 1961.

Illi m'hemm l-ebda dubju li ż-żwieġ bejn il-partijiet sfaxxa minħabba li l-konvenuta telqet mid-dar matrimonjali bl-intenzjoni li ma tirritornax lura. Fil-fatt meta telqet hija ħalliet nota lill-attur sabiex dan ma jaħsibx iktar fuqha. Illi minkejja dan, it-tluq tal-konvenuta ma jistax jissarraf fl-abbandun hekk kif definit mil-liġi sempliċiment għaliex m'għaddewx is-sentejn rekwiżiti mill-Artikolu 41 appena ċċitat. Illi għalhekk l-aġir tal-konvenuta ma jistax jingħad li jikkostitwixxi "abbandun" kif stipulat fil-liġi, imma xorta waħda, fil-fehma tal-Qorti, jikkostitwixxi sevizzi / moħqrija fil-konfront tal-attur.

Il-Qorti ma kellhiex l-opportunita` li tisma l-verżjoni tal-konvenuta u x'kien dak illi wassalha titlaq mid-dar bla kliem u bla sliem u għaldaqstant qiegħda tifhem illi l-partijiet għexu paċifikament flimkien fiż-żwieġ għal kważi għaxar snin. Tant kienu mexjin tajjeb flimkien, minkejja d-differenza fl-eta` kif ukoll id-differenza fil-kultura, li kienu disposti li jadottaw tifla flimkien. Illi għaldaqstant, li l-konvenuta qabdet u telqet mid-dar matrimonjali, kif ukoll minn Malta, mingħajr ebda raġuni valida, kienet ta' kefrija fil-konfront tal-attur.

Bħalma kienet ukoll kefrija, li l-konvenuta mhux biss telqet iżda wkoll ħadet magħha somma kbira ta' flus kontanti li kienu waslu għand l-attur mill-wirt t'ommu. Illi din il-miżappropriјazzjoni hija evidenza illi, sewwasew kif isostnu ulied l-attur, il-konvenuta kellha biss il-flus quddiem għajnejha u li din b'mod kalkolat, meta sabet fid-dar somma konsiderevoli għas-sodisfazzjoni tagħha, qabdet u telqet. Anke l-fatt li hija kienet tippreferi torqod fil-kamra man-neputija tagħha, milli ma' żewġha, huwa indikazzjoni tal-iskop ulterjuri li l-konvenuta sabet fiż-żwieġ tagħha u cioe li takkwista somma flus minn fuq dahar l-attur.

Rigward l-allegazzjoni li l-konvenuta kienet ħatja wkoll t'adulterju fil-konfront ta' żewġha, ma nġiebet lanqas prova minima dwar dan u għaldaqstant il-Qorti ma tistax issib il-ħtija tal-adulterju.

Għalhekk, fid-dawl ta' dan, il-Qorti tirrileva li m'hemm l-ebda raġuni għala m'għandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi B. Qed issib li l-konvenuta

rrendiet ruħha ħatja ta' moħqrija fil-konfront ta' żewġha kemm minħabba t-tluq tagħha mid-dar matrimonjali kif ukoll minħabba li mmiżapproprjat ruħha minn somma sostanzjali ta' flus li kienet tappartjeni lill-attur parafernalment. Kif intqal, il-Qorti ma kellhiex l-opportunita` li tisma' dak li l-konvenuta kellha xi tgħid dwar it-tkissir taż-żwieġ tagħhom, in vista li m'huwiex magħruf fejn hija tinsab. Illi għalhekk il-Qorti ma tafx x'inhuma, jekk se mai kien hemm, it-tortijiet tal-attur fit-tkissir taż-żwieġ. In vista ta' dan, il-Qorti qiegħda ssib lill-konvenuta unikament responsabbli għat-tkissir taż-żwieġ bejn il-partijiet.

<u>Dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 et seq. tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront tal-konvenuta</u>

L-attur jitlob illi din il-Qorti tapplika fil-konfront tal-konvenuta l-effetti kollha jew *in parte* tal-Artikoli 48 et seq. tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kif diġa ntqal fl-ewwel parti ta' din is-sentenza illi trattat ir-responsabilita` tat-tkissir taż-żwieġ, iż-żwieġ bejn il-partijiet konjuġi B sfaxxa għal ħtijiet imputabbli lill-konvenuta.

It-tortijiet ta' moħqrija imputabbli lill-konvenuta fil-konfront tal-attur, huma komminati fl-Artikolu 40 u għalhekk il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikolu 51 tal-Kodiċi Ċivili, jekk tapplikax jew le d-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48. Dana b'differenza mill-każ meta l-firda personali tkun motivata mill-abbandun u l-adulterju, stante li dawn iġibu magħhom, skont il-liġi, konsegwenzi ibsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati mill-Qorti fil-konfront tal-konvenut/a, ai termini tal-istess Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili.

L-Artikolu 48 illi jistipula:

***48. (1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -***

***(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827[15];***
***(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;***
***(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;***
***(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.***

Fil-każ odjern, jirriżulta li t-tortijiet huma abbastanza gravi sabiex il-Qorti tapplika fil-konfront tal-konvenuta l-effetti tad-dispożizzjonijiet kollha tal-Artikolu appena ċċitat. Kif ġja ntqal, l-aġir tagħha ma nstabx illi jikkostitwixxi l-ħtija tal-abbandun sempliċiment għaliex m'għaddiex it-terminu ta' sentejn preskritt mil-liġi. Minkejja dan, kien aġir tassew sevizzjuż fil-konfront tal-attur, li jistħoqqlu jattira fuq il-konvenuta, id-dekadenzi stipulati mill-Artikolu 48. Bħala konsegwenza, din il-Qorti qegħda tapplika fil-konfront tal-intimata l-effetti in toto tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, fosthom illi tiddikjara, illi bl-imġieba tagħha l-intimata ddekadiet mid-dritt tagħha li tirċievi manteniment mingħand l-attur u wkoll li hija tilfet kull dritt illi tiret lill-attur.

Dwar il-Komunjoni tal-Akkwisti

Fl-ewwel lok u bis-saħħa tal-preżenti, il-Qorti qiegħda **tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet konjuġi B**.

[15] L-artikolu 631 u 633 jirrigwardaw id-drittijiet ta' suċċessjoni bejn il-konjuġi filwaqt illi l-artikoli 825, 826 u 827 ġew imħassra bl-Att XVIII tal-2004.

Illi l-attur jiddikjara illi l-partijiet m'akkwistaw xejn fiż-żwieġ – la propjeta` immobbli, la kontijiet bankarji u lanqas vetturi. Huwa jirreferi għal żewġ laptops tal-marka Dell, iPad u żewġ mowbajls, liema oġġetti l-konvenuta kienet ħadet magħha meta telqet mid-dar. L-attur ma jispjega xejn dwar il-provenjenza ta' dawn l-oġġetti – jekk kinux akkwistati fiż-żwieġ, jew kinux parafernali tiegħu jew tal-konvenuta. Ma jagħti lanqas ebda valur għal kull wieħed minn dawn l-oġġetti. Illi għaldaqstant il-Qorti ma tista' tasal għall-ebda likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u wisq inqas għad-diviżjoni u l-assenjazzjoni tagħha.

<u>Dwar il-propjeta` parafernali tal-attur</u>

L-attur jallega illi meta l-konvenuta telqet mid-dar matrimonjali, hija ħadet magħha flus kontanti fl-ammont ta' wieħed u tletin elf ewro (€31,000) li huwa kien iżomm fl-envelopp. Dawn il-flus huwa jsostni li kienu ġejjin mill-wirt t'ommu. *"Im[ba]għad mort niċċekkja l-e[n]velope fejn kelli xi flus kontanti, għoddejthom u sibt li kienet ħaditli €31,000 fi flus kontanti mid-dar liema flus kienu ġejjin mill-wirt t'ommi. F'dik il-ġimgħa stess hija kienet ġibdet ukoll elfejn ewro (€2000) permezz tal-cashlink tiegħi tal-Bank of Valletta. B'kollox ħadet tlieta u tletin elf ewro"* [16]

Illi dwar l-elfejn ewro żbankati mill-Bank of Valletta p.l.c. l-attur ma jispjegax is-sors tagħhom u jekk kienux jappartjenu lilu parafernalment. Illi għaldaqstant, il-Qorti ma tista tgħaddi għall-ebda dikjarazzjoni dwarhom.

Iżda dwar il-flus kontanti li kienu jammontaw għal €31,000, isostni li dawna kienu ġejjin mill-wirt t'ommu. Dana huwa kkorraborat mix-xiehda t'uliedu li jikkonfermaw li s-somma kienet għaddiet għand missierhom minn wirt. Il-Qorti tirrileva illi setgħet inġiebet prova aħjar dwar dan, bħalma huma dokumenti bankarji jew notarili. Iżda fid-dawl tal-fatt li x-xiehda tal-attur hija kkorabborata miż-żewġ uliedu kif ukoll li l-istess xiehda m'hija bl-ebda mod ikkontestata, il-Qorti qiegħda taċċetta bħala

[16] Affidavit tal-attur, fol. 26

veritiera d-dikjarazzjoni tal-attur li din is-somma kienet parafernali tiegħu.

In vista ta' dan, il-Qorti qiegħda tikkundanna u tordna lill-konvenuta sabiex tirrestitwixxi din is-somma fl-intier tagħha lill-attur.

Dwar id-Dar Matrimonjali

Fiż-żwieġ il-partijiet kienu jirrisjedu fil-fond 3, "Sun", Wesgħa Franġisk Bugeja, Żurrieq. L-attur jiddikjara illi din id-dar hija tiegħu u l-Qorti m'għandha l-ebda diffikolta` illi temmen dan. Hija tal-fehma li kieku l-konvenuta kellha interess minimu fl-imsemmija dar, hija ma kinitx titlaqha qabel ma tassigura li tapproprja ruħha mis-sehem tagħha. Fit-13 ta' Jannar 2017, l-istess konvenuta telqet minn id-dar bl-intenzjoni ċara li ma kinitx sejra tirritorna lura fiha. Illi b'hekk, il-Qorti ma tarax għalfejn m'għandhiex tilqa' t-talba tal-attur li jkun awtorizzat jirrisjedi fl-imsemmi fond ad esklużjoni tal-konvenuta, b'dana illi l-imsemmija dar, mill-preżenti, m'għadhiex tikkostitwixxi d-dar taż-żwieġ.

**DEĊIDE**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi B, bi ħtijiet imputabbli lill-intimata assenti;

[2] Tilqa' limitatament it-tieni talba attriċi inkwantu tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet iżda tiċħadha inkwantu tiddikjara illi m'hemmx lok ta' likwidazzjoni, diviżjoni u assenjazzjoni tal-istess komunjoni tal-akkwisti;

[3] Tilqa' it-tielet talba tal-attur u konsegwentement tapplika fil-konfront tal-konvenuta assenti l-effetti kollha tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili;

[4] Tilqa' r-raba' talba tar-rikorrenti u tawtorizzah jirrisjedi fid-dar ġja matrimonjali ad esklużjoni tal-konvenuta assenti;

[5] Tilqa' l-ħames talba tar-rikorrenti billi tordna lill-intimata assenti sabiex immedjatament tirrifondi lill-attur is-somma ta' wieħed u tletin elf Ewro (€31,000) liema somma hija parafernali tal-attur stante li provenjenti minn wirt; bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-preżenti sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta;

[6] Tilqa' s-sitt talba tar-rikorrenti u tawtorizzah jirreġistra l-preżenti sentenza fir-Reġistru Pubbliku;

Bl-ispejjeż jiġu sopportati mill-intimata assenti, b'dan illi l-attur għandu provviżorjament iħallas id-drittijiet tal-Kuraturi Deputati.

Dr. Abigail Lofaro
Imħallef

Rita Vella Baldacchino
Deputat Reġistratur